MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 435/2008

GO p.l.c. (C22334).

Vs

Towlift and Services Company Limited (C13570).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' tlett elef, erba' mija, hamsa u sebghin Ewro u erba u disghin centezmu (€3,475.94) ekwivalenti ghal Lm1,492.22, minghand is-socjeta' konvenuta, in konnessjoni ma diversi servizzi telefonici. U peress illi s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti kellha ssir din il-kawza, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet illi (i) t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom

jigu michuda bl-ispejjes stante li l-ammont mitlub mhux dovut; (ii) illi t-talbiet attrici huma eccessivi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni; (iii) ghalhekk is-socjeta’ konvenuta m’ghandhiex tbaghti ebda spejjes.

Sema x-xhieda tal- P.L. Noel Scerri prodott mis-socjeta’ attrici.

Ra l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta’ konvenuta li eccepiet illi t-talba attrici hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligjiet tal-Malta). Bl-ispejjes.

Ra l-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Frar 2010 fejn il-kawza giet differita’ ghas-sentenza in parte dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta’ konvenuta.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi s-socjeta’ konvenuta qed tecepixxi l-preskrizzjoni ta’ hames snin ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Illi alavolja inghatat diversi okkazzjonijiet sabiex tipproduci x-xhieda taghha in sostenn ta’ din l-eccezzjoni, s-socjeta’ konvenuta naqset ghal kollox milli taghmel hekk, u ghalhekk dan it-Tribunal bilfors ser jistrieh fuq dawk il-provi prodotti mis-socjeta’ attrici.

Ill mix-xhieda tal-P.L. Noel Scerri prodott mis-socjeta’ attrici, kif ukoll mid-dokumenti esebiti, jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta kellha s-servizz ta’ diversi linji telefonici, u li l-ammont mitlub permezz ta’ l-Avviz odjern jikkoncerna l-linji telefonici kollha. Jirrizulta wkoll illi s-socjeta’ konvenuta kienet thallas il-bilanc dovut permezz ta’ cekkijiet u s-socjeta’ attrici imbaghad kienet talloka l-hlas lill-kont partikolari skond kif kien jehtieg.

Jirrizulta wkoll li l-ahhar pagament li sar mis-socjeta’ konvenuta akkont ta’ l-ammont dovut kien sar fil-5 ta’ Lulju tas-sena 2005, u ghalhekk inqas minn tlett snin qabel ma nfethet il-kawza odjerna.

Ghalhekk jirrizulta li l-perjodu ta’ preskrizzjoni ta’ hames snin ai termini tal-Artikolu 2156(f) gie interrott mis-socjeta’ konvenuta stess meta ghamlet il-pagament akkont, u ghalhekk din l-eccezzjoni m’ghandhiex tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tas-socjeta’ konvenuta u jordna l-prosegwiment tal-kawza.

**Avv. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------